# L-Angliċiżmi fil-Malti

Michael Spagnol

When a foreign word falls by accident into the fountain of a language,
it will get driven around in there until it takes on that language's colour.
*Jakob Grimm*

## *1.0 Is-Self*

Ilsien iwessa' l-lessiku tiegħu billi joħloq kliem ġdid mir-riżorsi tiegħu stess (bħal meta jgħaqqad verbi (*miera*, *ttama*) ma' affissi (*-uż*, *-ar*) biex isawwar aġġettivi (*meruż*) u nomi (*ttamar*), jew meta jġonġi nom ma' ieħor f'kompost, *lumi-larinġ*, *sodda-sufan*) u billi jimporta kliem minn ilsna oħra; dak li jissejjaħ *kliem missellef*. F'dan l-artiklu nużaw it-terminu *selfa* (pl. *selfiet*) minfloku, għax lingwa mhux kliem biss tissellef, imma ħsejjes, regoli fonoloġiċi, morfemi, mudelli sintattiċi, assoċjazzjonijiet semantiċi, u l-bqija.

Fid-diskussjoni dwar is-self, ħafna drabi jiżżeffen fin-nofs l-argument tal-lingwistika tradizzjonali, li tgħid li s-self minn lingwa għal oħra jseħħ primarjament għall-bżonn jew għall-prestiġju.[1] Meta l-kelliema ta' lingwa jiksbu idea jew kunċett minn barra, jeħtieġu terminu għalihom. Hekk nagħmlu fil-każ ta' annimali li m'ilniex li sirna nafu bihom, bħaċ-*chimpanzee* u l-*isquirrel*, nissellfuhom *għall-bżonn*. Iżda meta nimpurtaw kliem bħal *uncle* u *auntie*, inkunu qed nissellfu *għal-lussu*, għax għandna l-koppja indiġena *ziju* u *zija*, li jiffurmaw parti mill-vokabolarju bażiku tal-kelliema tal-Malti.[2]

Hi distinzjoni komda bejn self meħtieġ, li l-lingwa ma tistax tgħaddi mingħajru, u self żejjed, għall-gost jew għall-moda. Imma hi distinzjoni sempliċistika. Jekk lingwa tista' tirreferi għal oġġetti u kunċetti ġodda bil-mezzi tagħha stess, mingħajr ma tirrikorri għand lingwa oħra, mela meta tassew ikollha bżonn tissellef? U bil-maqlub ukoll, mhux kull selfa għal-lussu hi żejda għaliex, aktar iva milli le, kelma impurtata jkollha sfumaturi differenti minn ta' l-indiġena (§ 2.2).

Għalhekk, fit-taqsimiet li ġejjin mhux se nitkellmu fuq il-ħtieġa tas-selfiet f'lingwa, imma se nħarsu lejhom bħala elementi lingwistiċi li jintużaw b'ċerta frewkenza minn numru ta' kelliema huma u jesprimu ruħhom bil-Malti. Se naraw kif dawn is-selfiet jinteraġixxu mal-Malti fuq diversi livelli, tant li ġieli ma jibqgħux jingħarfu mill-kumplament tal-lessiku.

---

[1] Campbell, Lyle. *Historical Linguistics. An Introduction*. Edinburgh: Edinburgh University Press, 1998: 59-60; Zolli, Paolo. *Le Parole Straniere*, it-2ni edizzjoni. Bolonja: Zanichelli, 1991: 2-3.

[2] Ġieli tissemma raġuni oħra, inqas komuni, għas-self, li tiġi l-maqlub tal-prestiġju: self għal għan negattiv jew anke dispreġġjattiv (ara Campbell, 1998: 60). Ngħidu aħna, *parla* minn *parlare*, verb newtrali fit-Taljan għal *tkellem* u *tħaddet*, fil-Malti għandu sens negattiv ta' tpaċpiċ fil-vojt u diskors fieragħ.

## *1.1 L-Ingliż*

Wieħed mill-akbar avvenimenti kulturali tas-seklu 20, li għadu għaddej sal-lum, hu l-firxa ta' l-Ingliż f'ħafna pajjiżi bħala t-tieni lingwa. Il-funzjoni tiegħu bħala lsien tal-komunikazzjoni fuq skala internazzjonali tixbah lil dik tal-Latin fil-qedem, l-aktar madwar il-Mediterran u fl-Ewropa. U hekk kif il-Latin ħalla l-marki tiegħu f'ħafna lingwi, l-istess qed jagħmel l-Ingliż f'wisq iktar lingwi, tant li sar esportatur lessikali mill-ewlienin.

L-effett ta' l-Ingliż qed jinħass madwar id-dinja qabelxejn fis-selfiet lessikali, jiġifieri fil-kliem u l-espressjonijiet missellfa.[3] Dawn is-selfiet ġeneralment jiġu rrimudellati biex joqogħdu għall-istruttura fonoloġika u morfoloġika tal-lingwa li timpurtahom, speċjalment fl-istadji bikrin tal-kuntatt lingwistiku. Iżda kulma jmur, il-kompetenza fl-Ingliż u l-prestiġju tiegħu bħala lsien dinji qed jiżdiedu. U minħabba l-ħakma tal-lingwa li qed ikollhom kelliema mhux-nattivi ta' l-Ingliż, is-selfiet qed jintegraw dejjem inqas fil-lingwa li timportahom u jibqgħu jżommu l-karatteristiċi tagħhom fil-pronunzja, li toqrob aktar lejn l-etimi Ingliżi, fil-morfoloġija, bħall-markaturi tal-plural (*-s*) u l-affissi derivattivi (*-er*, *-ing*), u fl-ortografija, li tinżamm talekwale.

Dan jiġri b'aktar qawwa f'komunitajiet lingwistiċi li t-tieni lingwa tagħhom hi l-Ingliż, kif inhu l-każ f'Malta. Mhux dejjem faċli tagħżel bejn selfa vera u proprja li saret parti mil-lessiku Malti u kelma bl-Ingliż li ddaħħlet għal waqt wieħed f'diskors bil-Malti, mingħajr m'għandha x'taqsam xejn miegħu. Hu għalhekk essenzjali niddistingwu bejn selfiet u qalbiet tal-kodiċi (*code-switches*), bejn angliċiżmi u ingliżati. *B'angliċiżmi*, b'hekk qed nifhmu elementi lingwistiċi ġejjin mill-Ingliż li meta l-kelliema jużawhom, ma jħossuhomx ta' lingwa oħra, barranin għal-lingwa tagħhom, imma jħossuhom komponenti tal-vokabolarju Malti. Ġieli jkunu espressjonijiet li, imqar jekk storikament tnisslu mill-Ingliż, m'għadhomx assoċjati ma' l-etimi tagħhom għax tħalltu sew mal-lessemi l-oħra tal-lingwa. Drabi oħra jkunu espressjonijiet li mill-forma (miktuba, imlissna, morfoloġika, jew it-tlieta li huma) tagħhom jingħarfu li huma ġejjin mill-Ingliż.

Fi kliem ieħor, mhux kull kelma tidħol bl-istess mod fil-Malti. Uħud jibqgħu barranin, bħal mistednin li jżuru l-lingwa għal ftit. Oħrajn isiru ta' ġewwa, ħaġa waħda mal-kliem l-ieħor. Qed nitkellmu fuq gradi differenti ta' integrazzjoni fil-Malti, u dawn il-varji livelli ta' adattament jistgħu jservu ta' indikazzjoni liema kliem jagħmel parti mill-vokabolarju ta' kelliem tal-Malti modern u liema kliem hu sempliċi qlib mill-ewwel għat-tieni lingwa f'komunità bilingwi.

---

[3] Görlach, Manfred. *English Words Abroad*. Amsterdam u Philadelphia: John Benjamins Publishing Company, 2003: 79.

## *2.0 L-Integrazzjoni*

Is-selfiet mhumiex kollha fuq l-istess pjan. Uħud jintegraw għalkollox u jidħlu fil-fond, oħrajn jibqgħu fuq barra, maqtugħin mill-qalba tal-lingwa. F'estrem minnhom hemm il-*Lehnwörter*, is-selfiet ta' ġewwa, elementi integrati kompletament. Fl-estrem l-ieħor hemm il-*Fremdwörter*, is-selfiet ta' barra, elementi mhux integrati. Fost is-selfiet li integraw mal-mekkaniżmi fonoloġiċi, grammatiċi, semantiċi u stilistiċi tal-lingwa nsibu:

- *fajjar* (*to fire*), verb tat-tieni forma li jaħdem bl-għerq √FJR, u potenzjalment jagħti l-ħames forma *tfajjar* u n-nom verbali *tfajjir*;
- *skuna* (*schooner*) u *kitla* (*kettle*), li adattaw għall-fonoloġija tal-Malti u jieħdu l-plurali miksura *skejjen* u *ktieli*;
- l-aġġettivi *buli* (*bully*) u *ġinġri* (*ginger*) li, bħal *sufi*, jinflettu għall-femminil b'-*ija* (*bulija*, *ġinġrija*) u għall-plural b'-*in* (*bulin*, *ġinġrin*);
- *tofija* (*toffee*) u *ċipsa* (*chips*), nomi ta' l-unità mill-forom tal-kollettiv *tofi* u *ċips*;
- *affordabbli* (*affordable*), għaqda tal-verb *affordja* mas-suffiss aġġettivali -*abbli*;
- *ħarpun* (*harpoon*) li, b'analoġija ma' *kantun*, jieħu l-plural miskur *ħrapen* (*knaten*);
- *evalwazzjoni* (*evaluation*) u *esplojtazzjoni* (*exploitation*), magħmulin mill-għaqda tal-verbi *evalwa* u *esplojtja* mas-suffiss -*zzjoni*;
- *dixxijiet* (*dish*), *enveloppi* (*envelope*), *fannijiet* (*fan*), *ġobbijiet* (*job*), *korsi tal-golf* (*golf course*), bis-suffissi tal-plural sħiħ -*ijiet* u, inqas komuni, -*i*;
- *podoloġista* (*podologist*) u *gajnikoloġista* (*gynecologist*) bis-suffss nominali -*ista*;
- *trimmjatura* (*trim*) u *klikkjatura* (*click*) bis-suffiss -*atura* għan-nomi verbali ta' unità, kif ukoll bis-suffiss -*ar* għall-kollettiv (*trimmjar*, *klikkjar*).
- *ċippa* ((*micro-)chip*), *klikka* (*clique*), *plakka* (*plug*), u *klippa* ((*hair-*)*clip*), bil-ġeminazzjoni ta' l-aħħar konsonanti u ż-żieda ta' -*a* fit-tarf, u l-plural miksur *ċipep*, *klikek*, *plakek* u *klipep* (jew *klippi*) maħdum fuq il-mudell *tazza* - *tazez* (jew *tazzi*).[4]

Il-lista ta' angliċiżmi mhux integrati twila kemm irridu, l-aktar meta niġu għan-nomi, imma anke xi aġġettivi u avverbji: *acknowledged*, *basketball*, *beautician*, *birthday*, *bookmark*, *bright*, *catwalk*, *comma*, *clown*, *cocktail*, *easy*, *essay*, *eye-shadow*, *facial*, *fast*, *fish fingers, healthy*, *hotdog*, *icing-sugar*, *milkshake*, *network*, *pediatrician*, *pineapple*, *ratio*, *relaxing*, *renewable*, *roller coaster*, *stapler*, *television*, *three-pin plug*, *up to date*, *weekend*, *whitepaper*.

[4] Fin-nuqqas ta' tagħrif etimoloġiku, tajjeb nosservaw li *klikka* jista' jkun tnisslet mit-Taljan *cricca*, u allura bl-*a* tat-tarf b'kollox. L-istess jgħodd għal *stikka*, nom li jista' jkun ġej mill-Ingliż *stick* u żdiditlu -*a* fit-tarf jew inkella mit-Taljan *stecca*, kif jissuġġerixxi Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary*. Malta, 1987-90: 1364. Iż-żieda ta' -*a* fit-tarf ta' nomi mnisslin mill-Ingliż tfeġġ ukoll fi *blokka* (*block*), *nippla* (*nipple*) u *strippa* (*strip*).

Il-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu l-istess kif inhuma fl-Ingliż, mingħajr tibdil morfoloġiku, la inflettiv (*bookmark-s* vs. *krejn-ijiet*), u lanqas derivattiv (*clown* ma jagħtix **ikklawnja* vs. *ċans* li jagħti *ċċansja*). Biss, il-varjazzjonijiet hemm qegħdin, ngħidu aħna, fil-pronunzja mqabbla ma' l-Ingliż RP, *Received Pronunciation*,[5] (vokali twila [ɑː] mibdula ma' vokali qasira [ɐ] u [r] f'*bookmark*, Mt. /bʊkmɐrk/ vs. In. /bʊkmɑːk/, vokali nofsha magħluqa [e] mibdula ma' vokali nofsha miftuħa [ɛ] u [θ] mibdula ma' [t] f'*healthy*, Mt. /hɛltɪ/vs. In. /helθi/, jew [ŋ] mibdula ma' [ng] f'*relaxing*, Mt. /rɪlɛksɪng/ vs. In. /rɪlæksɪŋ/), l-assimilazzjoni ta' l-artiklu (ir-*ratio*, in-*network*) u l-assenjar tal-ġens għan-nomi (*cocktail* maskili, *stapler* femminili, *essay* għal xi kelliema maskili, għal oħrajn femminili), daqskemm l-ordni ta' l-aġġettivi fis-sentenza, wara u mhux qabel in-nom (enerġija *renewable*, ikel *healthy*, tifel *bright*), u l-użu avverbjali mingħajr iż-żieda tas-suffiss *-ly* (dik *easy* tagħmilha vs. *you can do it easily*, jiekol *healthy* vs. *he eats healthily*). Ara wkoll § 2.2.2.

Bejn dawn iż-żewġ estremi hemm medda ta' varjazzjonijiet, kontinwu bi gradi differenti ta' integrazzjoni. Uħud jibqgħu fix-xifer, oħrajn maż-żmien jersqu lejn il-qalba tal-vokabolarju jew jaqgħu għal isfel, ħafna drabi għax joħdulhom posthom forom oħra (*insajt* (*inside*), *tokis* għaċ-ċinema, *mikimaws* għall-kartuns). Għandna każi fejn l-istess etimu jindika stadji differenti ta' integrazzjoni, bħal *freezer* li daħlet fis-sura ta' *friża* (*laħam tal-friża*) u *freezer*. Kemm selfa ssir ta' ġewwa jew tibqa' barranija jiddependi minn fatturi lingwistiċi wesgħin, bħall-istruttura tal-lingwa li tesporta u dik li timporta jew il-qrubija kulturali bejn it-tnejn (§ 2.1), u minn fatturi lingwistiċi dojoq, jiġifieri d-diversi stadji lingwistiċi, mill-pronunzja sat-tifsir tas-selfiet in kwistjoni (§ 2.2).

### *2.1 Fatturi wesgħin*

Manfred Görlach, studjuż ewlieni tat-tixrid tas-selfiet mill-Ingliż f'lingwi oħra, jagħti erba' fatturi lingwistiċi li jgħinu jew ixekklu l-integrazzjoni tas-selfiet:

(i) ix-xebh fonoloġiku u morfoloġiku bejn il-lingwi;
(ii) l-istatus funzjonali tal-lingwa li tesporta;
(iii) l-attitudni ta' inkoraġġiment jew ta' stigma li jkollha l-lingwa li timporta;
(iv) l-iżvilupp tal-lingwa li timporta f'ħafna oqsma tal-ħajja.[6]

[5] It-traskrizzjoni ta' l-Ingliż qed tingħata skond P. Roach, J. Hartman, J. Setter (ed.), *Cambridge English Pronouncing Dictionary*. Ir-Renju Unit: Cambridge University Press, 2003.
[6] Görlach, 2003: 10-11.

Skond il-klassifika ta' Görlach, il-Malti jagħmel mal-lingwi li:

(i) ma jixbhux l-Ingliż, u allura s-selfiet jinħassu barranin, idumu iktar biex jiġu aċċettati, u jbatu biex jintegraw kompletament; dan f'kuntrast ma' l-Olandiż (jew in-Nederlandiż) li hu relatat ġenetikament ma' l-Ingliż;

(ii) jużaw l-Ingliż f'ħafna oqsma tal-ħajja, għax huma komunitajiet ESL, *English as a Second Language*, u l-Ingliż fihom mhux ristrett għal ftit reġistri u għelieqi semantiċi (bħal ma jkun f'komunitajiet EFL, *English as a Foreign Language*);

(iii) għandhom attitudni ftit jew wisq liberali lejn is-self mill-Ingliż, f'kuntrast ma' lingwi li jisħqu fuq il-puriżmu jew jagħmlu leġiżlazzjonijiet lingwistiċi kontra l-influss ta' l-angliċiżmi, bħall-ostilità tal-Franċiż modern lejn l-hekk imsejjaħ *franglais*;

(iv) għandhom terminoloġiji żviluppati prattikament għall-oqsma kollha tal-ħajja, f'kuntrast mal-Ħindi li, minn dan il-lat, hu 'sottożviluppat' u l-awtoritajiet governattivi u edukattivi ma jarawhiex bi kbira li jissellfu kwantitajiet kbar ta' termini mill-Ingliż, għax jinftiehmu fuq skala internazzjonali, għax huma aċċettati faċilment mill-kelliema, jew għax hu diffiċli toħloq terminoloġiji ġodda u timplimentahom.

Din l-analiżi tiżgarra fir-raba' fattur. Fil-fehma tiegħi, ma nistgħux ngħidu li l-Malti hu żviluppat daqskemm jagħtina x'nifhmu Görlach. Għal raġunijiet politiċi u soċjolingwistiċi, daqskemm għar-reżistenza mill-kelliema għal-lokalizzazzjoni ta' dak li f'għajnejhom jidher internazzjonali u n-nuqqas ta' sforz biex jitfasslu u jixxandru terminoloġiji ġodda, il-Malti jissellef bla rażan, fejn għadu mhux żviluppat jew fejn għadu qed jiżviluppa: mill-matematika (*fraction*, *calculator*, *long division*) għall-frott u l-ħxejjex (*pineapple*, *cherry tomatoes*, *coconut*), mill-*hairdressing* (*blowdry*, *highlights*, *frizzy*) għall-mużika (*house*, *jazz*, *electro*), mill-awguri (*happy birthday*, *good luck*, *get well soon*) għall-gastronomija (*cottage pie*, *milkshake*, *lemon meringue*), mill-punteġġjatura (*comma*, *square brackets*, *hyphen*) għall-isports (*tennis*, *rugby*, *ice skating*), il-ħwejjeġ (*blouse*, *t-shirt*, *tights*), u bosta oħrajn.

Fattur ieħor li jżomm il-Malti milli jiżviluppa mir-riżorsi tiegħu stess hu l-prestiġju ta' l-Ingliż, l-idea li hu prattiku, is-sensazzjoni li hu tal-moda. U għalhekk l-ikel Tork jibda jissejjaħ *Turkish*, is-siġra tal-Milied tinbidel mal-*Christmas tree*, u jekk taqta' xagħrek u tiżbgħu tkun qed tagħmel *cut* u *colour*. Il-*presents* jibdew jingħataw flok ir-rigali, il-*breakfast* jinżel aħjar mill-kolazzjon, u l-*hobbies* isiru iktar interessanti mill-passatempi.[7]

[7] "The fashionable attraction of the individual word is often the *raison d'être* for the borrowing. As a consequence," jifhimha Görlach, 2003: 106, "there is little chance for anglicisms relating to dances, dresses, drugs, pop music and other domains of youth culture to be replaced – even in societies with language academies, language laws and prescriptive schools. We will just have to wait until changing fashions oust the phenomenon, and with it, the loanword."

Drabi oħra l-Ingliż joffri ewfemiżmu għal espressjoni li tirreferi għal ħwejjeġ mhux pjaċevoli, bħal fil-każ tal-koppji *loki* u *toilet*, *ġidri r-riħ* u *chicken pox*, *ħarqa* u *nappy*, *ħobla*/*tqila* u *pregnant*. Dwar it-tifsir u l-istil tas-selfiet nerġgħu nitkellmu f'§ 2.3.3.

## *2.2 Fatturi dojoq*

L-integrazzjoni sseħħ fuq diversi livelli lingwistiċi. F'din it-taqsima se nħarsu lejn il-livelli ewlenin tal-fonoloġija, il-morfoloġija u s-semantika, biex permezz tagħhom inkunu nistgħu nivvalutaw aħjar il-livell ortografiku. Fid-dawl tal-fatt li ftit li xejn għandna studji lingwistiċi jesploraw dawn il-fatturi dojoq fid-dettall, il-punti li ġejjin għandhom jitqiesu preliminari, u jeħtieġu analiżi iktar fil-fond.[8]

### *2.2.1. Il-Fonoloġija*

Is-self iġib miegħu ħsejjes ġodda, kombinazzjonijiet ta' ħsejjes li fil-lingwa li timporta ma kinux possibbli, regoli fonoloġiċi u suprasegmentali ġodda. Ftit huma l-angliċiżmi li jidħlu fil-Malti bil-pronunzja ta' l-Ingliż RP, bħal *chips*, *pool*, *lift* u *beat*, l-aktar minħabba d-differenzi fil-kwantità u l-kwalità tal-vokali fiż-żewġ kodiċi lingwistiċi. Fost il-bidliet li jġarrbu s-selfiet fil-vjaġġ mill-Ingliż għall-Malti nistgħu nsemmu:

- is-sostituzzjoni fonemika ta' [θ] ma' [t], ngħidu aħna fi *brea<u>th</u>alyser* u *<u>th</u>reeply*;
- l-adattazzjoni tal-vokali, bħall-[e] ta' *str<u>e</u>ss* li ssir [ɛ] jew l-[ʌ] ta' *c<u>u</u>tter* li ssir [ɐ];
- il-ġeminazzjoni tal-konsonanti tat-tarf, l-aktar fi kliem monosillabiku b'vokali qasira: *ġobb* (*job*), *skipp* (*skip*), *xokk* (*shock*);
- it-tniffis tal-konsonanti mleħħna fit-tarf, bħal *films*, Mt. /fɪlms/ vs. In. /fɪlmz/; anke jekk din ir-regola fonoloġika qed tinbidel, u għandna *snob* li ma ġġarrabx tniffis fit-tarf, u każi fin-nofs, bħal *mug* daqqa mlissna /mɐgg/ u daqqa /mɐkk/;
- iċ-ċaqliq ta' l-aċċent primarju bħal f'*makeup* imlissna /mɛj'kɐpp/, *manager* imlissna /mɐ'niːʤɛr/, *internet* imlissna /ɪntɛr'nɛtt/, jew *Christmas tree*, Mt. /ˌkrɪsmɪs'trɪ/ vs. In. /'krɪs*t*məsˌtriː/, li joħloq *shibboleths*, forom aktarx stigmatizzati għax juru l-isfond soċjali ta' min jużahom, li maż-żmien probabbilment iwarrbu u jibqgħu biss il-forom li joqorbu l-aktar lejn il-pronunzja ta' l-Ingliż;

[8] Fost affarijiet oħra, neħtieġu studji li jevalwaw l-użu attwali tas-selfiet fil-mitħaddet u l-miktub, mhux biss fil-gazzetti u l-kotba, imma anke fil-karti ta' l-eżami u l-kitbiet ta' l-istudenti, ibda minn dawk li għadhom qed jitgħallmu jiktbu u jaqraw. Għandna bżonn studji dettaljati ta' kemm l-angliċiżmi joħolqu diffikultà jew jaġevolaw it-tagħlim tal-kitba għaż-żgħar u l-kbar. Jonqosna stħarriġ soċjolingwistiku ta' l-użu ta' l-angliċiżmi, tal-ġudizzju u l-attitudni li għandhom kelliema ġejjin minn diversi faxex t'età u varjetajiet reġjonali u soċjali.

- il-ħtif u l-bdil ta' konsonanti bħal f'*corned beef* /kɔmbiːf/, *pushchair* /pʊʃʃɛr/, *puncture* /pɐntʃɛr/, *all right* /ɔrrɐjt/;
- l-hekk imsejħa korruzzjonijiet lingwistiċi, bħal *luververs* jew *livorver* għal *revolver*, *ċjumingamm* għal *chewing gum*, *inxjurjans* għal *insurance*, *rowster* għal *roster*, *sangwiċ* għal *sandwich*;
- it-tpartit ta' [tʃ] ma' [s], *ċinema* u *sinema*, *perċezzjoni* u *persezzjoni*, ta' [fj] ma' [fl], *infjammazzjoni* u *inflammazzjoni*, ta' [st] ma' [nst], *mostruż* u *monstruż*, ta' [ps] ma' [s], *psikjatra* u *sikjatra*, li jistgħu jindikaw żewġ stadji ta' importazzjoni, waħda mit-Taljan, l-oħra mill-Ingliż, jew inkella r-riinterpretazzjoni ta' forom (qodma) fil-Malti skond il-kriterji fonoloġiċi (ġodda) ta' l-Ingliż.

Il-pronunzja tas-selfiet tista' tiddependi mill-età, l-edukazzjoni u l-provenjenza reġjonali tal-kelliema. Bħal f'ħafna mill-ilsna Ewropej analizzati minn Görlach, anke fil-Malti tinħass it-tendenza li l-pronunzja ta' l-angliċiżmi ssir kemm jista' jkun bħal ta' l-Ingliż. Dan inebbet koppji varjanti, fonoloġiċi u ortografiċi, li juru stadji differenti ta' integrazzjoni, bħal *berdej* u *birthday*, *ikkraxxja* u *kkrexxja* (*to crash*), *magażin* u *megeżin* (*magazine*), *panik* u *penik* (*panic*), *skrappja* u *skreppja* (*to scrap*), *taksi* u *teksi* (*taxi*).

Dawn il-bidliet fil-forma fonoloġika ta' l-angliċiżmi kif għandna nsarrfuhom fil-forma grafemika? Jekk il-mod u l-post tat-tlissin tal-konsonanti u l-kwalità tal-vokali f'selfa bħal *healthy* ma jaqblux ma' ta' l-Ingliż RP, kif nistgħu niktbuhom skond l-ortografija Ingliża? U qabel inkomplu ndaħħlu fil-kredu l-varjetà RP ta' l-Ingliż, huwa xieraq li nqisuha bħala l-mudell li għandna nimxu fuqu, jew għandna nħarsu lejn varjetajiet oħra, bħall-Ingliż Malti?

### *2.2.2. Il-Morfoloġija*

Aktarx l-aktar argument b'saħħtu li jintuża fid-diskussjoni dwar l-integrazzjoni hu l-morfoloġija. Ħafna min-nomi jadattaw għall-morfoloġija tal-Malti bl-allokazzjoni tal-ġens (*kejk* (*cake*) nom maskili, *kitla* (*kettle*) nom femminili) u l-forom tal-plural (*kejk* jieħu s-suffiss tal-plural sħiħ *-ijiet*, *kitla* tieħu l-forma tal-plural miksur [12vv3i] b'analoġija ma' *xitla* - *xtieli*). Filwaqt li xi nomi jieħdu markaturi tal-plural indiġeni, ħafna mis-selfiet jieħdu l-morfema periferika – li kulma jmur qed issir ċentrali – tal-plural *-s* (*bajrows* (*biro*), *ħiters* (*heater*), *kukers* (*cooker*)), u l-allomorf *-is* meta n-nom ikun jispiċċa b'konsonanti sibilanti (*sendwiċis* (*sandwich*), *nersis* (*nurse*)). Meta n-nom ikun jispiċċa b'konsonanti sibilanti ġeminati, titwaqqa' waħda minnhom u jiżdied is-suffiss *-is*, bħal fil-każ ta' *swiċċ* - *swiċis*

(*switch*), *briġġ* - *briġis* (*bridge*), *kwiżż* - *kwiżis* (*quiz*).[9] Grupp imdaqqas ta' nomi oħra jieħdu kemm suffiss ċentrali u kemm suffiss periferiku, bħal *ġobbijiet* u *ġobbs* (*job*), *gassijiet* u *gasis* (*gas*). Terġa', f'xi każi nomi (polisemiċi) jieħdu markatur jew ieħor tal-plural skond it-tifsira tagħhom, u allura *brejkijiet* ġeneralment hu l-plural tal-komponent ta' vettura (*għandu l-brejkijiet bil-ħsara*), waqt li *brejks* hu l-plural ta' pawża (*brejks pubbliċitarji*). Hekk ukoll, *bord* jieħu l-plural *bordijiet* aktarx meta nirreferu għal grupp ta' persuni li jamministraw xi attività (*bordijiet ta' l-appell*), u jieħu l-plural *bords* meta nużawh fis-sens ta' tavla ta' l-injam u oġġetti simili (*serraħ il-bords mal-ħajt*). Imma dawn id-distinzjonijiet paralleli fuq livell morfoloġiku u semantiku mhux dejjem ikunu daqstant preċiżi u jvarjaw minn kelliem għall-ieħor, jew anke minn kollokazzjoni għall-oħra.

Uħud mis-selfiet jidħlu f'mekkaniżmi indiġeni bħall-kollettiv (*buz*/*buza*/*buziet* (*boots*), *ċips*/*ċipsa*/*ċipsiet* (*chips*), *ċiriplam*/*ċiriplamma*/*ċiriplammiet* (*cherry plum*)). Oħrajn jgħaddu minn sostituzzjoni morfemika, bħal meta s-suffiss *-tion* jitpartat ma' *-zzjoni* (*quotation* u *kwotazzjoni*, *exploitation* u *esplojtazzjoni*), jew *-ing* jitpartat ma' *-ar* (*typing* u *ttajpjar*, *welding* u *wweldjar*).[10] Il-Malti, iżda, mhux soltu jissostitwixxi s-suffiss tan-nom ta' l-aġent u ta' l-għodda *-er* ma' *-ur*, u allura *footballer* ma jsirx **futbolur* jew *folder* **fowldur*. Biss, għandna xi każi iżolati bħal *xiftjatur* (*shift worker*) u *xuttjatur* (*shooter*). Morfemi qodma, aktarx impurtati mit-Taljan, jitpartu ma' morfemi oħrajn, li jaqblu ma' l-affissi fl-Ingliż, bħall-prefissi f'*anormali* u *abnormali* (*abnormal*), *ovvjament* u *obbvjament* (*obviously*), u s-suffissi f'*arkeologu* u *arkeoloġista* (*archeologist*), *fiżikament* u *fiżikalment* (*physically*).

L-aġġettivi rarament jidħlu fi proċess morfoloġiċi, l-aktar l-aktar jiżdidulhom suffissi li jimmarkaw il-ġens u l-għadd, bħal *blondi*/*blondija*/*blondin* (*blonde*), *blu(n)*/*bluna*/*bluni* (*blue*), *tobi*/*tobija*/*tobijin* (*tubby*).[11] Dan il-proċess mhux mifrux, u l-maġġoranza ta' l-aġġettivi mill-Ingliż huma invarjabbli għall-ġens u l-għadd (*smart*, *overweight*), anke jekk ikunu jispiċċaw bil-vokali *-i* li tiffavorixxi ż-żieda tas-suffissi *-ija* u *-in*, bħal *sexy* u *bubbly*. Minbarra dan, uħud minn dawn il-forom immarkati għall-femminil u l-plural ġieli jitqiesu *shibboleths*, ta' min wieħed jevitahom b'forom invarjabbli bħal *blu* u *blonde*. M'għandniex

---

[9] Insibu wkoll każi fejn is-selfa ma tiġix analizzata tajjeb, bħal *kaps* ((*percussion*) *cap*), *krejts* (*crate* fis-sens ta' *ice cube tray*) u *briks* (*brick*) forom singulari (jew tal-kollettiv) bil-plurali *kapsijiet*, *krejtsijiet* u *briksiet*. Drabi oħra s-suffiss *-s* ifeġġ fil-plural (*flettsijiet*, *wansentsijat*) imma mhux fis-singular (*flett* (*flat*), *one cent*).

[10] Fil-Malti ġieli jidħol kemm l-angliċiżmu bis-suffiss *-ing* (*setting*) u kemm l-adattament b'*-ar* (*issettjar*), bid-differenza li *seting* ġeneralment ikollu tifsira nominali (*tħarbatli s-setting ta' xagħri*), waqt li *ssettjar* ikollu tifsira verbali (*l-issettjar tal-miri*). Ara wkoll id-diskussjoni ta' Mifsud, Manwel. *Loan Verbs in Maltese*. New York: E.J. Brill. 1994: 249-250, u Borg, Albert u Marie Azzopardi-Alexander. *Maltese, Descriptive Grammars*. Londra u New York: Routledge, 1997: 252.

[11] Dwar dawn, ara Mifsud, Manwel. *Productivity of Arabic in Maltese*. Proceedings of the 2nd International Conference of AIDA. Cambridge. 1995: 156. Proċess ieħor li ġieli jkunu involuti fih l-aġġettivi mill-Ingliż hu ż-żieda tas-suffissi aġġettivali *-i* u *-abbli* ma' kliem bħal *kemikali* (*chemical*), *medikali* (*medical*) u *affordabbli* (*affordable*).

wisq tagħrif fuq is-sintassi ta' l-anglicizmi aġġettivali, imma jidher li dawk li ma jinflettux, diffiċli ssibhom f'pożizzjoni li mhix predikattiva. Inqabblu, per eżempju, *Ir-raġel smart* ma' ?*Ir-raġel smart mar jgħum*). Imma dan għad irid jiġi mistħarreġ b'aktar reqqa fost għadd ta' aġġettivi.

L-integrazzjoni tal-verbi hi aktar attiva, għax il-forma bażi tal-verb Ingliż malajr nidentifikawha, u mbagħad kemm inżidu l-affissi inflettivi. Dan jimplika, li anke jekk għadd ġmielu ta' verbi fl-Ingliż huma bi tlieta jew erba' konsonanti (*park*, *screen*, *surf*), diffiċilment jidħlu fis-sistema mhux-konkatenattiva tipika tal-komponent Semitiku fil-Malti (biex infasslu forom ewlenin bħal **parak* u **seref*, u forom imnissla bħal **nparak* u **serref*). Minflok, inżidu d-denb *-ja* fuq il-lemin taz-zokk (*eġġastja* (*to adjust*), *inputja* (*to input*)). U meta z-zokk ikun jibda b'konsonanti, niġġeminawha biex nagħmlu *pparkja* (*to park*), *isserfja* (*to surf*), *iddilja* (*to deal*), *ifflertja* (*to flurt*), għajr għall-verbi li jibdew bis-sekwenza *s*/*x*+konsonanti, bħal *spidja* (*to speed*), *xreddja* (*to shred*)). Eċċezzjoni hu l-verb *ibblakka* (*to polish with blacking*), bil-ġeminazzjoni fil-bidu imma mingħajr il-*j* fis-suffiss. Biss, mhux kull zokk fl-Ingliż hu integrabbli, bħal dawk li jispiċċaw bil-vokali *i*, eż., *to party* ma jagħtix **ippartija*, u lanqas *to free* ma jagħti **ffrijja*.[12]

S'issa ħarisna lejn selfiet sempliċi, magħmulin minn kelma waħda. Iżda numru kbir mill-anglicizmi huma forom kumplessi, bħal *aftershave*, *body-builder*, *dishwasher*, *eye-shadow*. L-integrazzjoni ta' dawn il-komposti ġieli tkun f'għamla ta' kalki, bħal *mara tad-dar* għal *housewife*, *imtieħen tar-riħ* għal *windmills*, *tmiem il-ġimgħa* għal *weekend*, *qamar il-għasel* għal *honeymoon*, jew inkella bħal meta fil-poeżija *skyscraper* u *miniskirt* isiru *gerrief is-sema* u *minidjul*.[13] Fil-biċċa l-kbira tal-każi, iż-żewġ kostitwenti tal-komposti jibqgħu l-istess kif ikunu fl-Ingliż. Xi drabi, iżda, jitwaqqa' wieħed miż-żewġ elementi, daqqa r-ras tal-kompost (*cordless* għal *cordless telephone*, *parking* għal *parking lot*/*parking space*, *stering* għal *steering wheel*), u daqqa l-modifikatur tar-ras (*pool* għal *swimming pool*, *clip* għal *paper clip*, *buggy* għal *baby buggy*). Interessanti li xi komposti li jkollhom komponent inkomuni, ġieli jidħlu bħala kalki u ġieli le, bħall-komposti li t-tieni element tagħhom hu *chair*. Ngħidu aħna, *wheelchair* isir *siġġu tar-roti*, anke jekk il-popolarità ta' dan il-kalk donnha qed tmajna, imma *deckchair*, *puschair*, u oħrajn, jibqgħu bl-element *chair*.

---

[12] Il-verbi frażali, b'mod partikolari l-għaqda ta' verb u prepożizzjoni, fil-Malti jwaqqgħu l-prepożizzjoni, eż., *to drop out* jiġi *ddroppja* mhux **iddropawtja* jew **iddroppja out*. B'riżultat ta' dan, il-verb ġieli jieħu sens wieħed biss, eż., *illoggja* jfisser *to log in* imma mhux *to log out*. Drabi oħra jilqa' fih it-tifsira ta' aktar minn verb frażali wieħed, bħal *ippikkja* li jmur lura kemm għal *to pick out* (*minn fost l-istudenti kollha, lilha ppikkja*) u kemm għal *to pick up* (*se ngħaddi nippikkjah mill-iskola*). Dawn l-osservazzjonijiet fuq il-verbi jeħtieġu analiżi dettaljata.

[13] Ġieli jkollna komposti indiġeni, bħal *ħobż ismar* u *karta ta' l-ostja*, li jinbidlu ma' komposti missellfa, *brown bread* u *rice paper*, li mbagħad jerġgħu jidħlu fil-lingwa f'sura ta' kalki, *ħobż kannella* u *karta tar-ross*.

### 2.2.3. *Is-Semantika*

It-tifsir ta' kelma jiddependi mill-assoċjazzjonijiet u l-kuntrasti fi ħdan il-lingwa nnifisha, u mill-mod kif din torganizza l-univers konċettwalment. Għalhekk, ma nistgħux nassumu li t-tifsir ta' kelma jibqa' l-istess hi u tgħaddi minn ilsien għall-ieħor. Hemm qbil ġenerali fost il-lingwisti li t-tifsir jinbidel fil-proċess tas-self, saħansitra fil-każ ta' kliem monosemiku, fejn l-aktar l-aktar, id-denotazzjoni jew ir-referenza biss li tibqa' l-istess.[14] Fost il-proċessi prinċipali ta' kif selfa tintegra semantikament insibu:

- *l-ispeċjalizzazzjoni*: il-kontenut ta' semema jidjieq bħal meta *top*, minn diversi tipi ta' lbies għall-parti ta' fuq tal-ġisem, bħal *blouse*, qmis, *sweater*, fil-Malti sar ifisser biss flokk, aktarx irqiq u sajfi, milbus l-aktar min-nisa;
- *il-ġeneralizzazzjoni*: semema twessa' l-medda referenzjali tagħha, bħan-nom *biro* li fil-Malti ma jirreferix biss għall-*ballpoint pen*, imma jinkludi anke l-*gel pen*, ir-*rollerball pen*, u tipi oħra ta' 'biros';
- *it-trasferiment*: il-kontenut ta' semema jiġi trasferut għand referent ieħor, bħal *pocket* li jfisser *pencil case*/*pencil box*, *stage* li jfisser *bus stop*, *stock* għal *putty*, *tyre* għal *lifebuoy*, *learner* għal *car driving instructor*, *muscles* u *trainers* għal *waterwings* jew *floaties*; u dan il-proċess ġieli joħloq kliem li ma ssibux fl-Ingliż, bħal *parker* għal *car-park attendant* u *stepney* għal *spare wheel*;[15]
- *ir-riduzzjoni*: xi tifsir ta' etimi polisemiċi u omonimi ma jiġix impurtat, ħafna drabi għax selfa tittieħed minn kuntest speċifiku, bħan-nom *fann* li daħal bit-tifsira ta' ventilatur elettroniku imma mhux ta' mrewħa jew palju; l-aġġettiv *bold* daħal fis-sens ta' tipa grassa imma mhux fis-sens ta' kuraġġjuż jew ardit; il-verb *ikklikkja* daħal bit-tifsira ta' għafas il-*mouse* u ta' ingwala ma' xi ħadd, imma mhux fis-sens ta' tagħmel suċċess jew tagħmel ħoss irqiq;
- *l-etensjoni*: il-kontenut ta' etimu jew wieħed mis-sensi tiegħu jintużaw għal funzjoni ġdida fil-lingwa li timpurtah, bħal meta *pipe* sar jirreferi għall-kontenitur tal-linka ġewwa bajrow.

Għamla oħra ta' speċjalizzazzjoni, imma anke ta' trasferiment, hi l-użu ta' *trademarks* bħala nomi komuni, per eżempju, *kenwood* għal *food processor*, *thermos* għal *vacuum flask*, *tipex* għal *correction fluid*, *hoover* għal *vacuum cleaner*, u oħrajn.

Is-selfiet jimlew spazji semantiċi u stilistiċi, u waħda mir-raġunijiet ewlenin għala jiġu

[14] Görlach, 2003: 13, 93.

[15] Żviluppi simili huma komuni f'ilsna oħra, bħal *smoking* użat fis-sens ta' *dinner jacket* jew *tuxedo* f'diversi ilsna Ewropej, *Pony* użat għal *frenża* u *Bully* għal *vann* fil-Ġermaniż, u *vauxhall* għal *stazzjon tal-ferrovija* fir-Russu (Görlach, 2003: 41, 60).

impurtati hija għax iwasslu kunċett, idea jew impressjoni b'mod aktar preċiż mill-ekwivalenti indiġeni. Hekk jiġri fil-każ tal-koppja li tissemma spiss f'dan l-ambitu:

- *tarbija*: i. ferħ ta' bniedem (*qed tistenna tarbija*), ii. vavu (*tibkix, qisek tarbija*);
- *bejbi*: i. ferħ ta' bniedem (*kellha bejbi*), ii. vavu (*qed tagħmel bħall-bejbis*), iii. proġett ġdid u għażiż (*id-diska li ħriġt il-bejbi tiegħi*), iv. garżella fil-logħba tal-passju (*issa ngara l-ġebla u skond fejn tiġi, dak ikun il-bejbi tiegħi, u intom ma tkunux tistgħu tirfsu fuqu*), v. iż-żgħir ta' annimal (*bejbi kukkudrill*).

Bl-istess mod, (*swimming*) *pool* kemm-il darba jkun żgħir u f'bini residenzjali (minn *villa* sa *hotel*) u *pixxina* aktarx tkun kbira u pubblika, użata għall-isports ta' l-ilma; *juice* ħafna drabi hu *meraq* artifiċjali, li tixtrih fil-pakkett; jew inkella *teacher* mhux dejjem *għalliem*, fis-sens li wħud mill-kelliema jużawha għal għalliema (mara), f'kuntrast ma' *sir*, għalliem (raġel). Fost dawn il-koppji nsibu selfiet, aktarx b'membru ġej mit-Taljan u l-ieħor mill-Ingliż, li ma' l-ewwel daqqa t'għajn jidhru doppjetti, imma fis-sewwa jvarjaw fit-tifsir:

- *muskolu*: i. organu fil-ġisem (*ġbidt muskolu*), ii. (inqas komuni) organu tal-ġisem żviluppat b'eżerċizzju fiżiku (*tella' l-muskoli*);
- *masil*: i. organu fil-ġisem (*qed juġagħni l-masil tal-pexxun*), ii. organu tal-ġisem żviluppat b'eżerċizzju fiżiku (*urina kemm għandek masils*), iii. ilbies ta' l-għawm għall-idejn biex jgħinek iżżomm fil-wiċċ (*qabel niżel jgħum libes il-masils*), iv. mollusk, frott tal-baħar (*nippreferi masils friski milli tal-bott*).[16]

- *pjattaforma*: i. struttura maqlugħa mill-art (*serraħ is-sellum fuq il-pjattaforma*), ii. ġabra ta' ideat, attivitajiet, u l-bqija (*il-festival sar pjattaforma fejn iż-żgħażagħ jesprimu t-talenti tagħhom*);
- *pletform*: i. struttura maqlugħa mill-art (*għamlu pletform tal-konkos*), ii. mudell ta' żarbun b'qiegħ għoli (*xtrat żarbun bil-pletform*), iii. żona fl-istazzjon tat-trejn (*niżel mit-trejn u sab l-għeżież tiegħu jilqgħuh fuq il-pletform*).

Diskors simili jista' jsir għad-doppjetti *banda* u *bend* (fost affarijiet oħra, nistgħu ngħidu *laqgħuh bil-banda* imma mhux *laqgħuh bil-bend*), *razzjon* u *raxin* (fis-sens ta' skars, nistgħu ngħidu *kollox bir-raxin*, imma mhux *kollox bir-razzjon*), u oħrajn. Iż-żewġ membri jkollhom tifsir sinonimu, imma b'xi differenzi fil-firxa tat-tifsir, kif ukoll fl-elementi li tipikament jikkollokaw magħhom. Ġieli l-logħba fit-tifsir tkun bejn tliet membri, bħal *sewwieq*, *xufier*,

[16] Etimoloġikament, l-ewwel tliet tifsiriet ġejjin minn *muscle*, waqt li r-raba' waħda ġejja minn *massil*. B'hekk, minn analiżi esklussivament storika, tista' targumenta li għandna każ ta' omonimija aktar milli ta' polisemija.

*driver* jew *ittama*, *spera*, *iħħowpja* (*to hope*), jew *btajjel*, *vaganzi*, *holidays*.

Minbarra differenzi fid-denotazzjoni tal-kelma indiġena u s-selfa (kważi-)sinonima, hemm distinzjonijiet konotattivi u stilistiċi. Kif diġà rajna, selfa tiġi impurtata bħala ewfemiżmu, għal livelli differenti ta' formalità (*toilet* flok *loki*, *pregnant* flok *tqila*/*ħobla*), biex tibdel kelma li qdiemet jew saret obsoleta (*mobile* flok *telesell*, *ċinema* flok *tokis*), għax tinħass tal-moda (*tattoo* flok *tpinġija*, *piercing* flok *misluta*), għax l-ekwivalent indiġenu ma jkunx magħruf jew ikun inqata' mill-użu (*ostrich* flok *nagħma*, *oyster* flok *gajdra*), u l-bqija.

Xi drabi, iktar minn tifsira waħda tiġi impurtata fi stadji differenti, u dan jista' jkollu effett fuq il-forma ortografika tas-selfa, bħal fil-każ ta' *club* li l-ewwel daħlet fis-sens ta' għaqda u ilha tinkiteb *klabb*, bħal ma nsibuha miktuba fil-klabbs tal-boċċi, u mbagħad daħlet fis-sens ta' *disco*, bil-kitba *club*, kif insibuha fit-tabelli u l-*posters*. Terġa', ċerti selfiet jgħaddu minn riinterpretazzjoni popolari, bħal meta *blackeye* issir *blakgħajn*, kif ġralu kliem ieħor jispiċċa b'vokali (*blun* minn *blue*) u bil-[j] (*sprejn* minn *spray*), jew meta *bodybuilder* tiġi *bulibilder*, b'assoċjazzjoni mas-selfa integrata sew *buli* (*bully*), u forsi b'xebh mal-forma *bulibif* (*bully beef*).

Hija komuni wkoll li tiġi missellfa t-tifsira mingħajr il-forma. Ngħidu aħna, *ġisem* ma twessax il-kontenut semantiku tiegħu biex jiġi jfisser *body* (ta' karozza), iżda *sejħa* saret tfisser *telephone call* u *ħaraq* sar ifisser tirrikordja *data* fuq CD jew DVD minn *to burn* (li, ngħidu aħna, ma jsirx **ibbernja*). Hekk ukoll, *titjira* kisbet it-tifsira speċjalizzata ta' vjaġġ fuq ajruplan u *ħtif* sar jintuża għal *hijack* (jew *skyjack*), kif josserva tajjeb Fenech.[17] Drewes jinnota wkoll l-iżvilupp ta' *ħass* fuq *to feel* fis-sens ta' tkun tal-fehma (*inħoss li mhux qed jagħmel sew*) u *ppjana* fuq *to plan*, mhux fis-sens ta' llivella bħal fit-Taljan *appianare*. Isemmi wkoll frażijiet bħal *għamel sens* minn *to make sense*, *ħa passi* minn *to take steps*, *fuq btala* minn *on holiday*, *ta lura* minn *to give back*.[18]

Issa li rajna gradi differenti ta' adattament tas-selfiet fuq tliet livelli ewlenin ta' integrazzjoni, il-fonoloġija, il-morfoloġija u s-semantika, nistgħu nutilizzaw dan it-tagħrif bħala kejl ta' kemm selfa saret Maltija bl-għeruq u x-xniexel jew kemm baqgħet fit-tarf tal-lingwa u eqreb lejn il-forma li tnisslet minnha. U allura, l-integrazzjoni tista' sservi ta' kejl kemm is-selfa nistgħu nintegrawha fis-sistema tal-kitba bil-Malti jew le. Iżda biex naslu għal din il-konklużjoni tajjeb naraw l-integrazzjoni tas-selfiet f'relazzjoni ma' kemm u kif jintużaw fil-lingwa (§ 3.0).

---

[17] Fenech, Dwardu. *Contemporary Journalistic Maltese*. Leiden: E.J.Brill, 1978: 82-83.

[18] Drewes, A.J. 'Borrowing in Maltese'. Peter Bakker u Maarten Mous (ed.), *Mixed Languages*: *15 Case Studies in Language Intertwining*, 83–111. Amsterdam: IFOTT (Institute for Functional Research into Language and Language Use), 1994: 97-103.

## *3.0 L-Użu u l-Użanza*

L-integrazzjoni ta' selfa timxi id f'id ma' l-użu tagħha. Iktar ma tintuża, iktar hemm ċans li tintegra fuq wieħed jew aktar mil-livelli lingwistiċi li għadna kif iddiskutejna. U bil-maqlub ukoll, jekk l-użu tas-selfa jkun restritt, aktarx ma tintegrax kompletament. Kemm selfa tintuża jiddependi minn diversi fatturi, fosthom:

- iż-żmien: jekk tinħassx friska u tal-moda jew hix arkajka u żmienha għamlitu, bħal *tokis* u *telesell*, *nagħma* u *ostrich*;
- l-evalwazzjoni tal-kelliema: li jduru fuq kelma missellfa minflok waħda indiġena għax stilistikament hi ewfemistika, *toilet* vs. *loki*, jew tinħass inqas offensiva mill-ekwivalent indiġenu, *il-mowbajl iffakkja* vs. *il-mowbajl nħexa*;
- il-preżenza fil-lingwa ta' kelma li tixbahha: li taf ixxekkel jew tgħin l-aċċettazzjoni tagħha, għax tista' toħloq nuqqas ta' ftehim, jew anke għax is-selfa tikklexxja ma' kliem indiġenu b'tifsir immarkat, bħal fil-każ ta' *bus* u *bass*, jew *boss* (fis-sens ta' mgħallem) u *boss*.

L-integrazzjoni fonoloġika, grammatikali u semantika mhux dejjem jaqblu ma' l-integrazzjoni ortografika. Fil-każ ta' *kitla* u *esplojtazzjoni*, is-selfiet tant daħlu fil-fond fil-livelli lingwistiċi, li l-forma miktuba skond is-sistema ortografika Maltija tiġi waħedha. Numru ta' angliċiżmi jintegraw mal-bqija tal-lessiku bla problemi, bħas-selfiet integrati morfoloġikament (*skrejjen* (*screw*), *illendja* (*to land*), *bulija* (*bully*)) u s-selfiet li l-forom miktuba tagħhom huma identiċi fiż-żewġ lingwi (*drink*, *film*, *golf*, *parking*, *smart*, *sport*, *welder*). L-angliċiżmi integrati fonoloġikament (*birthday*, *stop*, *puschair*) u semantikament (*stage*, *pocket*, *baby*) imma mhux morfoloġikament, aktarx li jsibuha iktar bi tqila biex jintegraw ortografikament, fost l-oħrajn minħabba l-espożizzjoni kontinwa għall-forom miktuba bl-Ingliż u l-profiċjenza dejjem titjieb tal-kelliema fil-kitba bl-Ingliż.

Anke jekk angliċiżmu jintegra fuq aktar minn livell lingwistiku wieħed, m'hemm l-ebda ċertezza li jassimila ruħu fis-sistema tal-kitba bil-Malti. U dan għax anke l-kitba timxi bid-drawwa. Ngħidu aħna, *chips* amalgamat ruħha mal-mekkaniżmu tal-kollettiv, in-nom ta' l-unità u l-plural tiegħu (§ 2.2.2), imma fil-gabbani u l-ħwienet ta' l-ikel m'għandniex l-użanza niktbu *ċips*. L-istess jgħodd għal *jeans* u *restaurant*, li jieħdu s-suffissi tal-plural *-ijiet* u *-i*, indikazzjoni ta' kemm daħlu fil-fond fil-Malti, imma kważi qatt ma nsibuhom miktubin *ġins* u *restorant* (bl-aċċent ewlieni fuq l-ewwel sillaba) jew *ristorant* (bl-aċċent ewlieni fuq l-aħħar sillaba). Mill-banda l-oħra, *football* ma integratx morfoloġikament, iżda drajna niktbuha *futbol*. Hekk ukoll *kamera* (*camera*), *konkrit* (*concrete*) u *mekkanik* (*mechanic*), li ma

żviluppawx skond il-morfoloġija indiġena, anzi jinflettu bħall-etimi tagħhom fl-Ingliż. Iżda ilhom iktar minn 35 sena, mill-inqas mill-1973, jinkitbu hekk fil-gazzetti.[19]

Mela, is-selfiet mill-Ingliż nistgħu naqsmuhom f'erba' gruppi ewlenin, skond iż-żewġ fatturi prinċipali ta' l-adattament lingwistiku, b'mod speċifiku l-integrazzjoni morfoloġika, u l-użu tagħhom fil-lingwa miktuba. Hemm angliċiżmi:

1. integrati fuq wieħed jew aktar mil-livelli lingwistiċi u bi drawwa niktbuhom bil-Malti (eż., *snieter*, *fann*, *ittrejsja*);
2. integrati fuq wieħed jew aktar mil-livelli lingwistiċi imma m'għandniex id-drawwa niktubhom bil-Malti, talinqas fil-forma mhux inflessa (eż., *jeans* (u mbagħad ?*jeans-ijiet*), *chips* (u mbagħad ?*chips-a*));
3. mhux integrati fuq wieħed jew aktar mil-livelli lingwistiċi imma bi drawwa niktbuhom bil-Malti (eż., *futbol*, *rekord*, *televixin*);
4. mhux integrati fuq wieħed jew aktar mil-livelli lingwistiċi u m'għandniex id-drawwa niktbuhom bil-Malti (eż., *noticeboard*, *hamburger*, *renewable*).

### *3.1 Għeluq miftuħ*

L-angliċiżmi: is-selfiet li impurtajna mill-Ingliż, għall-bżonn, għall-prestiġju, biex nimlew vojt semantiku, stilistiku, u għal raġunijiet oħra, li l-kelliema tal-Malti jħossuhom parti mil-lingwa tagħhom meta jużawhom, tant li fil-biċċa l-kbira tal-każi jtuhom xejra lokali, qabelxejn fil-pronunzja u fit-tifsir, kif ukoll fil-grammatika. L-ingropp insibuh meta niġu biex intuhom xejra lokali fil-kitba wkoll. Mhux għax is-sistema tal-kitba tal-Malti u l-Ingliż huma differenti minn xulxin, bħal tal-Grieg jew il-Bulgaru. Imma, l-ewwel u qabel kollox, għax il-kelliema tal-Malti, membri ta' komunità ESL (§ 2.1), huma l-ħin kollu f'kuntatt mal-kitba bl-Ingliż. Meta jqallbu fil-gazzetti, jixgħelu t-televiżjoni, iħarsu lejn it-tabelli tal-ħwienet, jistudjaw diversi suġġetti l-iskola, iħarsu lejn il-*mobile*, jiftħu l-posta, jaraw film (aktar u aktar jekk bis-*subtitles*), jaqraw rumanz, jaqbdu ma' l-internet, u f'bosta ċirkostanzi oħra. Aktar minn hekk, ħafna kelliema tal-Malti l-Ingliż jużawh ta' spiss, jekk mhux kuljum, biex jiktbu ittra, il-lista tax-xiri, kumment fuq *website*, nota fuq il-friġġ, kartolina, messaġġ fuq il-*mobile*, u f'elf sitwazzjoni oħra.

Tkellimna fuq ħames tipi ewlenin ta' angliċiżmi. L-erba' msemmija hawn fuq, jiġifieri s-selfiet li integraw (morfoloġikament) imma mhux dejjem jinkitbu skond l-ortografija tal-Malti (1. *illendja* vs. 2. *jeans*) u dawk li ma integrawx (fil-morfoloġija), anke jekk xi drabi xorta

---

[19] Fenech, 1978: 87-88.

jinkitbu bil-Malti (3. *futbol* vs. 4. *hamburger*). U selfiet li l-forma tagħhom fil-Malti u fl-Ingliż hi l-istess (5. *smart*).[20] Minn dawn, il-każi li joħolqu l-akbar diffikultà huma l-gruppi biż-żewġ, jiġifieri t-2, għaliex minkejja l-integrazzjoni fil-livell b'saħħtu tal-morfoloġija, xorta waħda ma jinkitbux bil-Malti, u l-4, għax la jintegraw morfoloġikament u lanqas ortografikament. Meta niġu għall-kitba ta' dawn il-forom problematiċi, ħafna drabi jissemmew żewġ għażliet. Nistgħu:

i. is-selfiet li jaqgħu taħt il-gruppi biż-żewġ niktbuhom bħall-membri tal-gruppi bil-fard (u allura, anke jekk m'aħniex imdorrijin għalihom, *jeans* nibdew niktbuha *ġins* u *hamburger* niktbuha *ħemberger*);
ii. is-selfiet kollha niktbuhom skond l-etimi tagħhom fl-Ingliż (u allura, *futbol* terġa' ssir *football*, *krejnijiet* tiġi xi ħaġa bħal *crane-ijiet*, u *llendja* tiġi *l-land-ja*), u forsi nimmarkawhom bħala barranin għas-sistema tal-kitba permezz tal-punteġġjatura (bejn il-virgoletti jew korsiv).

Minn dak li ġara u qed jiġri f'ilsna oħra Ewropej, nistgħu nitkellmu fuq it-tielet għażla, dik li:

iii. is-selfiet li integraw tant li l-kitba tagħhom bil-Malti tiġi naturali (1. *illendja*) u s-selfiet li bi drawwa niktbuhom skond l-ortografija tal-Malti (3. *futbol*) jibqgħu jinkitbu hekk; mentri s-selfiet li jagħmlu mal-gruppi biż-żewġ (2. *jeans* u 4. *hamburger*), la m'aħniex imdorrijin niktbuhom bil-Malti, jibqgħu jinkitbu bħall-etimi tagħhom fl-Ingliż.

Din it-tielet proposta hija l-kompromess li laħqu lingwi bħall-Ġermaniż u l-Pollakk. Qabel, it-tnejn li huma kienu jintegraw kull selfa grafemikament skond l-għamla fonetika tagħha. Issa saru jżommu l-kitba tagħhom bħall-ortografija Ingliża. Jiġifieri l-Ġermaniż għandu selfiet qodma bħal *Streik* (u l-Pollakk *strajk*), imma mbagħad għandu oħrajn riċenti bħal *Teenager*.[21] Bħall-Pollakk, il-Malti għandu sistema ta' kitba pjuttost fonemika. B'hekk, fost affarijiet oħra, din is-soluzzjoni tħarbat ftit jew wisq il-korrispondenza tal-grafema mal-fonema u

---

[20] Jekk nidħlu fir-reqqa u nħarsu lejn kull forma bħala każ waħdu u mhux bħala lessema f'relazzjoni ma' forom inflettivi u derivattivi oħra, insibu każi oħra, minbarra dawn il-ħamsa. Fi kliem ieħor, nistgħu nitkellmu fuq *jeans* bħala selfa mhux integrata u *ġinsijiet* bħala nom integrat fil-plural, jew inkella fuq *budget* bħala selfa mhux integrata u *bbaġittja* bħala verb integrat. Dawn id-distinzjonijiet huma fini u mhux dejjem mixtieqa, għax jiżolaw kull forma lingwistika mill-kumplament tal-lessiku, inklużi l-forom li mod jew ieħor huma marbuta magħha. U jkun stramb li zokk bħal *bridge* daqqa jkun miktub bl-Ingliż (*bridges*) u daqqa bil-Malti (*tibbriġġja*). Argument daqstant ieħor mhux feliċi huwa l-oppost. Dak li jħares lejn il-morfoloġija derivattiva bħala pretest għall-integrazzjoni ortografika. Mela, jekk miz-zokk *computer* innisslu verbi *kkompjuterizza*, nomi *kompjuterizzazzjoni*, u l-bqija, il-forma miktuba għandha tkun *kompjuter*. Il-periklu hu li zokk li llum mhux produttiv derivazzjonalment, 'il quddiem kapaċi jnissel forom oħra minnu, bħall-każ estrem ta' *trademarks* (*Google*, *Skype*) li b'innovazzjoni bdew jintużaw f'sura verbali (*iggugiljajtha l-kelma* fis-sens ta' fittixtha fuq il-magna tat-tiftix Google, *niskajpja ma' sħabi* fis-sens ta' niċċettja permezz tal-programm Skype).
[21] Görlach, 2003: 12, 72.

tintroduċi ittri ġodda fl-alfabett Malti (bħas-c u l-y). Iżda, hi għażla li timxi mad-drawwiet tal-lingwa miktuba. Għażla li ma triegħedx sistema li waħedha u bit-temp tagħha – forsi iktar milli lesti naċċettaw – diġà sabet mod prattiku kif tintegra l-angliċiżmi fl-ortografija. Għaliex, hekk kif dawn l-istess selfiet mhux qegħdin fuq livell wieħed ta' integrazzjoni u jadattaw min inqas, min iktar għall-Malti, hekk ukoll il-kitba tagħhom tirrifletti din il-varjazzjoni.

Tajjeb ukoll, fl-aħħar nett, li d-diskussjoni ma ndejquhiex għall-angliċiżmi biss. Irridu nittrattaw anke l-integrazzjoni ta' taljaniżmi bħal *ci vuole*, *granché*, *ciao*, ispaniżmi (jew iberiżmi) bħal *cha cha cha*, *corrida*, *flamenco*, franċiżiżmi (jew galliċiżmi) bħal *troupe* u *croissant*, ġermaniżmi bħal *kindergarten* u *kaputt*, u oħrajn, anke jekk dawn is-selfiet ikunu daħlu fil-Malti huma u għaddejjin mill-Ingliż, bħal ma tixhed il-pronunzja *kindergardin* (*kindergarten*) jew mit-Taljan, bħal *suspans* (*suspence*).